MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru. 321/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**

**ILLUM 27 TA' MARZU, 2008**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**LOUIS GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Louis Grixti ta’ 26 sena, bin Raymond u Rose nee’ Cassar, mwieled Pieta’ nhar 7 ta’ Marzu 1981, u residenti f’Entrance B4, Flat 8, Triq il- Porzjunkola, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 137581(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli f’dawn il-Gzejjer, fit-3 ta’ Novembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, f’diversi postijiet, iffalsifika jew biddell, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xejntament, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew mbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentament qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbin b’qerq u cioe’ diversi optical diskettes konsistenti f’DVD movies u audio CDs;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-biegh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u wara li nghata zmien skond il-ligi biex jirrikonsidra din l-ammissjoni tieghu hu baqa’ jikkonfermaha;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti lahqet semghet xi provi tal-prosekuzzjoni qabel ma l-imputat ghazel li jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Minn dawn il-ftit provi, fosthom l-isqarrija tal-istess imputat, irrizulta li hu kien qed jikkopja diski kontenenti muzika, films, u materjal iehor simili u relatat. Irrizulta ukoll li hug hen lill-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u ikkowopera bis-shih maghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-partijiet ittrattaw quddiem il-Qorti u qablu li ghandu jkun hemm piena skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, flimkien ma’ ordni ghad-distruzzjoni tal-materjal maqbud mill-pulizija u kkonfiskat minnhom. Peress ukoll li waqt is-smigh tal-provi l-Qorti kienet lahqet innominat espert li kien espleta l-inkarigu moghti lilu, l-imputat ghandu ukoll ihallas l-ispejjez peritali ta’ dan l-espert, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 298 (1)(a)(f), 298 B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammisjoni li giet ikkonfermata mill-imputat, din il-Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin milll-lum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet  ta’ Malta.

In oltre il-Qorti tordna id-distruzzjoni ta’ ‘hard disk’, ‘diskettes’, u ‘dvd’ ikkonfiskati mill- Pulizija fil-waqt li tordna ukoll li l-imputat ihallas l-ispejjez tal-Espert tal-Qorti ai termniu tal-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------